MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2009

Avviz Numru. 289/2008

**Simonds Farsons Cisk p.l.c. (C-113)**

**vs**

**Raj Kevin Jain**

**Il-Qorti,**

Rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tal-intimat ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, seba' mija u hames Ewro u hamsa u tletin centezmu (€4,705.35) skond *statement of account* (Dok A), rapprezentanti valur ta' prodotti mibjugha u debitament ikkonsenjati mis-socjeta` rikorrenti u dana a tenur ta' ftehim bejn il-kontendenti (Dok B), u dana kif kollu ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi minkejja li l-intimat gie interpellat diversi drabi sabiex jaffettwa l-hlas relattiv, anke permezz ta' ittra ufficjali tal-5

ta' Frar tas-sena 2008, pprezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma baqghu inadempjenti;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar tas-sena 2008 pprezentata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali dekorribbli mid-data ta' kull fattura, sad-data ta' hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-intimati li huma ngunti sabiex jidhru in subizzjoni;

Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti sabiex l-intimat iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-intimat naqas u ma deherx, la fis-16 ta' Gunju tas-sena 2009, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Raj Kevin Jain sabiex ihallas is-somma ta' erbat elef seba' mija u hames Ewro u hamsa u tletin centezmu (€4,705.35) lis-socjeta' Simonds Farsons Cisk p.l.c.;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kif dedotti kontra l-intimat Raj Kevin Jain.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------